

Brussell, 2 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13259/25

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0134 (COD)

TRANS 411
ENV 937
FIN 1144
CODEC 1428

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta emendata għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 1999/62/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE u d-Direttiva (UE) 2019/520 fir-rigward tal-klassi ta' emissjonijiet tas-CO2 ta' vetturi heavy-duty bit-trejlers u li tiċċara u tissimplifika ċerti dispożizzjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 589 final.

Mehmuż: COM(2025) 589 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.10.2025
COM(2025) 589 final

2023/0134 (COD)

Proposta emendata għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 1999/62/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE u d-Direttiva (UE) 2019/520 fir-rigward tal-klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi heavy-duty bit-trejlers u li tiċċara u tissimplifika ċerti dispożizzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea għall-2024-2029¹ ħabbru li l-Kummissjoni se toħroġ proposti biex tissimplifika u tikkonsolida l-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Il-Komunikazzjoni Ewropa Aktar Sempliċi u Rapida² tiddikjara li l-leġislazzjoni trid tkun faċli biex tinftiehem u biex tiġi implimentata, tkun abbozzata b'mod ċar u ma tkunx ambigwa.

Din il-proposta emendata għal Direttiva emendatorja timmodifika ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/62/KE³, li jirreferu għal biċċiet oħra tal-leġislazzjoni tal-UE, sabiex tagħmilhom aktar ċari, sempliċi u preċiżi.

Il-Kummissjoni adottat il-proposta oriġinali għal din id-Direttiva emendatorja fl-4 ta' Mejju 2023⁴ (minn hawn 'il quddiem, "il-proposta oriġinali"). L-objettiv tal-proposta oriġinali kien li jiġu stabbiliti regoli li jinkludu l-effett tat-trejlers fuq l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi tqal tal-merkanzija fi skemi ta' tariffi għall-użu tat-triq li jiddifferenzjaw it-tariffi għall-użu tat-triq abbażi tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-vetturi. Kellha timmodifika wkoll ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jirreferu għal leġislazzjoni oħra tal-UE sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza legali tagħhom.

Id-Direttiva 1999/62/KE tirregola l-impożizzjoni ta' pedaġġi u tariffi għall-utent għall-użu tal-infrastruttura tat-toroq. Id-Direttiva hija bbażata fuq il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u l-prinċipju ta' "l-utent iħallas". Il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jippermetti li jiġu stabbiliti tariffi għall-użu tat-triq ibbażati fuq il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi, sabiex it-tiġdid tal-flotta tal-vetturi jsir b'mod li jtaffi l-impatti negattivi tat-trasport bit-triq fuq l-ambjent.

Id-Direttiva (UE) 2022/362⁵ emendat id-Direttiva 1999/62/KE billi ppermettiet, fost bidliet oħra, it-tariffi għall-użu tat-triq abbażi tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi. Din is-sistema tagħmilha possibbli għas-settur tat-trasport bit-triq li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-klima u l-enerġija. Għalhekk, id-Direttiva fiha diversi referenzi għal-leġislazzjoni tal-UE li tirregola l-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi heavy-duty (HDVs, heavy-duty vehicles). B'mod speċifiku, din il-kwistjoni hija regolata fl-UE skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-

¹ https://commission.europa.eu/document/download/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_mt?filename=Political%20Guidelines%202024-2029_MT.pdf.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni, COM(2025) 47 final.

³ Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1999/62/2022-03-24>).

⁴ Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 1999/62/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE u d-Direttiva (UE) 2019/520 fir-rigward tal-klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi heavy-duty bit-trejlers

⁵ Id-Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 69, 4.3.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/362/oj>).

CO₂ għall-vetturi tqal ġodda ⁶ u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal ⁷.

Sa mill-adozzjoni tal-proposta oriġinali, emendi reċenti għal dawk ir-regolamenti affettwaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/62/KE li jirreferu għal dawk ir-regolamenti. Dan naqqas iċ-ċarezza legali u żied l-ostakli ta' implimentazzjoni u dawk amministrattivi. Barra minn hekk, xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/62/KE saru obsoleti wara l-emenda ta' dawk ir-regolamenti.

Ir-Regolament (UE) 2024/1610 ⁸ emenda r-Regolament (UE) 2019/1242. Il-bidliet ewlenin kienu jinkludu d-definizzjoni ta' miri ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ sal-2040 u l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għal gruppi ġodda ta' vetturi. Barra minn hekk, l-istruttura oriġinali ta' dan ir-Regolament inbidlet biex b'hekk xi kontroreferenzi għalih kemm fid-Direttiva 1999/62/KE kif ukoll fil-proposta oriġinali saru obsoleti. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1379 ⁹ ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400. Il-modifiki kienu jinkludu t-tibdil tal-istruttura tal-fajl ta' informazzjoni għall-klijent, li huwa d-dokument li jispeċifika l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi ġodda.

Din il-proposta emendata tippreserva l-għanijiet tal-proposta oriġinali (jiġifieri fir-rigward tal-effett tat-trejlers). Barra minn hekk, l-ewwel nett din taġġusta r-referenzi fid-Direttiva 1999/62/KE għal dawk ir-regolamenti sabiex tiżdied iċ-ċarezza legali ta' dawk id-dispożizzjonijiet. It-tieni, din tiżgura li jingħata żmien suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-bidliet fir-Regolament (UE) 2019/1242 li huma riflessi fid-Direttiva 1999/62/KE, bħall-estensjoni għal sottogruppi ġodda ta' vetturi ¹⁰. It-tielet, din tinkludi dispożizzjonijiet immirati biex jindikaw kif għandhom jiġu ttrattati ċerti vetturi koperti minn dawk ir-regolamenti f'każijiet li jistgħu jwasslu għal interpretazzjoni ambigwa skont id-Direttiva 1999/62/KE, sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat madwar l-UE.

Din il-proposta hija ppreżentata sena wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1610 biex jiġi ċċarat kif il-bidliet li jirriżultaw minn dak ir-regolament għandhom jiġu implimentati fid-Direttiva 1999/62/KE. Il-bidliet mhux intenzjonati fit-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, li

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj>).

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (OJ L 349, 29.12.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2400/oj>).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/1610 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956 (ĠU L, 2024/1610, 6.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1610/oj>).

⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1379 tal-5 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2400 fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil ta' trakkijiet medji u tqal u ta' karozzi tal-linja tqal u sabiex jiġu introdotti vetturi elettriċi u teknoloġiji ġodda oħra (ĠU L 212, 12.8.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1379/oj>).

¹⁰ Ara l-premessa 29 tad-Direttiva (UE) 2022/362.

tiddetermina l-allokazzjoni fil-klassijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi, jib dew ikollhom effett mill-1 ta' Lulju 2026 ¹¹.

Din il-proposta tissimplifika wkoll id-Direttiva 1999/62/KE billi tħassar id-dispożizzjonijiet li jippermettu li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġi estiż għall-gruppi ta' vetturi diġà koperti mir-Regolament (UE) 2017/2400 iżda li għadhom ma humiex koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242. Il-kampijiet ta' applikazzjoni taż-żewġ regolamenti kienu oriġinarjament differenti. Madankollu, ir-Regolament (UE) 2024/1610 estenda l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242 sabiex issa jaqbel mal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2400. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/62/KE li għamluha possibbli li jitnaqqas id-distakk bejn il-kampijiet ta' azzjoni ta' daww iż-żewġ regolamenti saru obsoleti u jistgħu jitħassru.

Għall-istess raġuni, il-Kummissjoni qed tippjana li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2698 ¹² meta l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għas-sottogruppi tal-vetturi 1, 12, 3, 11, 2 u 16 se jiġu ppubblikati fl-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242. Tabilħaqq, is-sottogruppi ta' vetturi koperti minn din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni issa huma koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242, u huwa ppjanat li jiġu ppubblikati l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għal daww is-sottogruppi ta' vetturi skont dak ir-regolament. Id-Direttiva 1999/62/KE diġà tiddikjara li, ladarba l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza jkunu ġew ippubblikati skont ir-Regolament (UE) 2019/1242, għandhom jintużaw daww il-valuri – u mhux daww ippubblikati skont id-Direttiva 1999/62/KE.

Din il-proposta tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan li tinżamm leġislazzjoni tal-UE ta' kwalità għolja u konsistenti. Din tagħti ċarezza u ċertezza legali akbar, u b'hekk tippermetti lill-amministrazzjonijiet u lin-negozji nazzjonali jifhmu b'mod aktar ċar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din il-proposta għandha l-għan li taġġusta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/62/KE li fihom referenzi għal xi regolamenti li ma baqgħux ċari wara li daww ir-regolamenti ġew emendati; u biex jitneħħew xi dispożizzjonijiet oħra li saru obsoleti. Il-bidliet proposti huma (flimkien ma' daww inklużi fil-proposta oriġinali) konsistenti mas-sustanza tal-miżuri adottati skont id-Direttiva (UE) 2022/362.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta tikkonċerna referenzi mid-Direttiva 1999/62/KE għar-Regolament (UE) 2019/1242 u għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1379. Il-konsistenza tal-kontroreferenzi jeħtieġ li tiġi żgurata, filwaqt li jitqiesu l-bidliet tal-passat u (kemm jista' jkun) futuri għal daww ir-regolamenti.

¹¹ Ara l-ispejegazzjoni dettaljata hawn taħt fl-Artikolu 2(1), il-punt (37).

¹² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2698 tal-4 ta' Diċembru 2023 dwar l-ispeċifikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza tal-gruppi ta' vetturi tqal mhux koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill skont id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2023/2698, 6.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2698/oj).

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażijiet legali tad-Direttiva 1999/62/KE huma l-Artikoli 91 u 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Din il-proposta tirrigwarda l-impożizzjoni ta' tariffi għall-użu tat-triq fuq il-vetturi, qasam li għalih japplika l-Artikolu 91(1) tat-TFUE. Għalhekk il-bażi legali ta' din il-proposta hija l-Artikolu 91(1) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-UE tikkondividi l-kompetenza mal-Istati Membri biex tirregola fil-qasam tat-trasport skont l-Artikolu 4(2)(g) tat-TFUE. Madankollu, l-UE biss tista' tadatta r-regoli eżistenti tal-UE. Dan huwa l-każ għall-aġġustamenti għar-referenzi li jinsabu fid-Direttiva 1999/62/KE għal biċċiet oħra tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tikkoreġi l-inkonsistenzi bejn l-atti tal-UE. Għalhekk, din ma taqbiżx dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi tat-Trattati.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-att legali li għandu jiġi emendat huwa Direttiva, l-att emendatorju għandu jkollu l-istess forma.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din il-proposta ttejjeb it-test legali ta' att tal-UE filwaqt li tippreserva t-tifsira oriġinali tiegħu. Għalhekk ma hijiex meħtieġa evalwazzjoni *ex post*.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni tagħmel kuntatt b'mod regolari mal-entitajiet li jitolbu l-pedaġġ u ma' fornituri ta' servizzi ta' pedaġġ fl-Istati Membri. Il-kontroreferenzi mhux preċiżi jirriżultaw f'diffikultajiet konkreti li huma diskussi ma' daww il-partijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni qed tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati bl-implimentazzjoni tad-Direttiva.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-analiżi tal-Kummissjoni biex tħejji din il-proposta tqis l-informazzjoni li tasal mingħand il-partijiet ikkonċernati u l-esperti nazzjonali.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta ttejjeb it-test legali ta' att leġiżlattiv tal-UE u l-koerenza tiegħu ma' atti leġiżlattivi oħra tal-UE iżda ma tbiddilx il-politika. Għalhekk ma hijiex meħtieġa valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta tgħin biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-idoneità regolatorja peress li tissimplifika t-test tad-Direttiva u żżid iċ-ċarezza legali tagħha. Dan ikun ta' benefiċċju għan-negozji tat-

trasport bit-triq (li huma l-aktar f'intrapriżi mikro u żgħar u ta' daqs medju) billi jiġi ċċarat meta u liema vetturi huma eliġibbli għal rati ta' pedaġġ aktar favorevoli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ttejjeb it-test legali ta' att tal-UE mingħajr ma tbiddel il-politika. Għalhekk, din ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Id-Direttiva 1999/62/KE tinkludi rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar għall-Istati Membri relatati mal-varjazzjoni tat-tariffi tal-infrastruttura jew għall-utenti skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi.

Il-proposta emendata ttejjeb it-test legali ta' att tal-UE sabiex tagħmlu aktar sempliċi, ċar u preċiż. Għalhekk ma teħtieġx pjan ta' implimentazzjoni, monitoraġġ jew evalwazzjoni.

Qed tiġi proposta dispożizzjoni ġdida li tippermetti lill-manifatturi jiddeterminaw l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil jekk il-vetturi ġew prodotti qabel ma r-Regolament (UE) 2017/2400 kopra dik it-teknoloġija. Ġie introdott arranġament ġdid ta' rapportar biex jiġi ssorveljat l-użu tal-għodda ta' simulazzjoni prevista fir-Regolament (UE) 2017/2400 għal skopijiet oħra għajr daww stabbiliti f'dak ir-regolament, peress li l-għodda ta' simulazzjoni hija sors miftuħ u tista' tintuża b'mod illeġittimu.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

L-Istati Membri jeħtiġilhom jittrasponu r-referenzi legali aġġustati sa fejn daww ir-referenzi jkunu diġà inkorporati fil-liġi nazzjonali tagħhom¹³. In-notifiki tal-miżuri ta' traspożizzjoni jridu jkunu akkumpanjati minn dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-partijiet emendati tad-Direttiva 1999/62/KE u l-partijiet korrispondenti tal-liġijiet nazzjonali.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emendi għall-proposta oriġinali huma spjegati hawn taħt.

Artikolu 1(1): Artikolu 2 — Definizzjonijiet

Artikolu 2(1), il-punt (28): definizzjoni ta' "emissjonijiet tas-CO₂"

Iċ-ċarezza legali ta' din id-definizzjoni għandha tittejjeb minħabba li r-referenza għar-Regolament (UE) 2017/2400 ma hijiex preċiża. Il-proposta oriġinali ma emendatx din id-definizzjoni.

¹³ Xi Stati Membri kkonformaw mal-obbligi ta' traspożizzjoni billi fil-liġi nazzjonali tagħhom inkorporaw referenzi għad-dritt tal-UE. Għalhekk huwa possibbli li daww l-Istati Membri jaf ma jkollhomx bżonn jaġġustaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dwar it-traspożizzjoni. Madankollu, dawn għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni jekk dan ikun tabilħaqq il-każ.

Ir-Regolament (UE) 2017/2400 jispeċifika l-istruttura tal-fajl ta' informazzjoni għall-klijent, li huwa d-dokument prodott mill-manifatturi li jagħti prova tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi ġodda. Inizjalment, l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ ta' vettura ġew irrapportati fil-punt 2.3 tal-fajl ta' informazzjoni għall-klijent. Wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/1379, din l-informazzjoni issa hija rrapportata fil-punt 2.6 tal-fajl ta' informazzjoni għall-klijent. L-istruttura l-ġdida tal-fajl ta' informazzjoni għall-klijent titqies bħala stabbli fid-dawl ta' emendi futuri.

Barra minn hekk, id-Direttiva 1999/62/KE se tirrifletti l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242 għax-xarabanks u l-kowċis, wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1610. Għalhekk, id-definizzjoni għandha tiċċara li l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ għall-vetturi heavy-duty tal-merkanzija (f'gCO₂/t-km) jiġu rrapportati fil-punt 2.6.1 tal-fajl ta' informazzjoni għall-klijent filwaqt li l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ għax-xarabanks u l-kowċis (f'gCO₂/p-km) jiġu rrapportati fil-punt 2.6.4 tal-fajl ta' informazzjoni għall-klijent.

Għalhekk, id-definizzjoni ta' "emissjonijiet tas-CO₂" ta' vettura heavy-duty hija aġġustata biex tirreferi għall-entrati korretti tal-fajl ta' informazzjoni għall-klijent.

Artikolu 2(1), il-punt (30): definizzjoni ta' "vettura b'emissjonijiet baxxi"

Il-proposta oriġinali kienet tinkludi emenda għal din id-definizzjoni, iżda dik il-proposta saret skaduta wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1610.

Din id-definizzjoni għandha tiġi ssimplifikata. L-ispejgazzjoni li ġejja hija rilevanti għad-dispożizzjonijiet li ġejjin tad-Direttiva: L-Artikolu 2(1), il-punt (30), is-subpunt (b) u l-punt (38), is-subpunt (b), l-Artikolu 7ga(1), it-tielet subparagrafu, u għall-Artikolu 7ga(7). L-ispejgazzjoni dettaljata ta' dawk id-dispożizzjonijiet se tirreferi lura għal din it-taqsim.

Id-Direttiva 1999/62/KE fiha dispożizzjonijiet biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha biex tinkludi gruppi ġodda ta' vetturi li kienu għadhom ma humiex koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242 iżda li kienu diġà koperti mir-Regolament (UE) 2017/2400. Tabilħaqq, ir-Regolament (UE) 2019/1242 oriġinarjament kien ikopri biss subsett tal-gruppi ta' vetturi koperti mir-Regolament (UE) 2017/2400 ¹⁴.

Id-Direttiva 1999/62/KE ppermettiet l-inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha tal-gruppi ta' vetturi li jifdal hekk kif tkun disponibbli d-data dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi li jappartjenu għal dawk il-gruppi ta' vetturi ¹⁵. Ir-raġuni hija li, fiż-żmien tal-adozzjoni tar-

¹⁴ Is-sottogrupp oriġinali tal-vetturi kopert mir-Regolament (UE) 2019/1242 (sottogruppi tal-vetturi 4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD u 10-LH) huwa responsabbli għal madwar 73 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi heavy-duty. Il-gruppi ta' vetturi koperti mir-Regolament (UE) 2017/2400 huma responsabbli għal 98 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi heavy-duty. Il-vetturi li jikkorrispondu għat-2 % li jifdal ma jistgħux jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2400. F'dan ir-rigward, ara t-Taqsim 17.3 tal-Anness 8 tal-Parti 2 tal-SWD(2023)88, li hija l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1610.

¹⁵ Sabiex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/62/KE, għandu jiġi ppubblikat att ta' implimentazzjoni bbażat fuq l-Artikolu 7ga(7). Ladarba jiġi adottat, l-Artikolu 7ga(1), it-tielet subparagrafu, jipprevedi li l-vetturi li jappartjenu għall-gruppi ta' vetturi rilevanti jistgħu jiġu allokat għall-klassi 4 ta' emissjonijiet tas-CO₂ (vetturi b'emissjonijiet baxxi). Madankollu, dawk il-vetturi ma setgħux jiġu allokat għall-klassijiet 2 u 3 minħabba li l-allokazzjoni għal dawk il-klassijiet hija bbażata fuq trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal dawk is-sottogruppi ta' vetturi li tirrikjedi li l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal dawk il-gruppi ta' vetturi jiġu stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1242.

Regolament (UE) 2019/1242, ma kienx magħruf meta l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jiġi estiż għall-gruppi ta' vetturi li jifdal.

Ir-Regolament (UE) 2024/1610 emenda r-Regolament (UE) 2019/1242 sabiex jinkludi l-gruppi kollha ta' vetturi koperti mir-Regolament (UE) 2017/2400. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/62/KE li jippermettu l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha biex jitnaqqas id-distakk bejn il-kampijiet ta' applikazzjoni ta' dawwż żewġ regolamenti saru obsoleti. Dawwż id-dispożizzjonijiet għandhom jitħassru sabiex jiġi ssimplifikat u ttejjur it-test tad-Direttiva.

Għalhekk, is-subpunt (b) fid-definizzjoni ta' "vettura b'emissjonijiet baxxi" jitħassar.

Artikolu 2(1), il-punt (35): definizzjoni ta' "grupp ta' vetturi"

Iċ-ċarezza legali ta' din id-definizzjoni għandha ttejjeb. Il-proposta oriġinali ma emendatx din id-definizzjoni, iżda issa għandha tiġi emendata minħabba li r-referenza għat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/2400 ma hijiex preċiża.

It-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/2400 tiddefinixxi l-gruppi ta' vetturi għat-trakkijiet tqal. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242 ġie estiż biex jinkludi wkoll is-sottogruppi tal-vetturi li huma ddefiniti fit-Tabelli 2 sa 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/2400 (eż. trakkijiet u xarabanks u kowċis ta' dawwż medju). Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2017/2400 jiddefinixxi l-gruppi ta' vetturi fl-Artikolu 4, l-ewwel subparagrafu, li jirreferi għal dawwż it-tabelli u li jservu wkoll għal bidliet futuri fl-annessi ta' dak ir-Regolament.

Id-definizzjoni ta' "grupp ta' vetturi" hija għalhekk aġġustata biex tirreferi għall-Artikolu 4, l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2400.

Artikolu 2(1), il-punt (37): definizzjoni ta' "trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet"

Iċ-ċarezza legali ta' din id-definizzjoni għandha ttejjeb, u t-tifsira oriġinali tagħha għandha tiġi ppreservata. Il-proposta oriġinali kienet tinkludi emenda għal din id-definizzjoni iżda ma kinitx tindirizza l-bidliet kollha introdotti mir-Regolament (UE) 2024/1610. Din id-definizzjoni hija emendata kif ġej.


- L-aħħar sentenza hija dispożizzjoni normattiva awtonoma li tikkonċerna aġġustamenti possibbli għall-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza. Tali aġġustamenti huma bbażati fuq atti adottati skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/2142. Din id-dispożizzjoni normattiva ma għandhiex tkun parti minn definizzjoni u għalhekk tiġi ttrasferita għall-Artikolu 7ga(1)¹⁶.
- Id-definizzjoni tiddeskrivi formula matematika u għalhekk hija diffiċli biex tinftiehem mingħajr għarfien dettaljat tar-Regolament (UE) 2019/1242 u l-annessi tiegħu. Meta ġie adottat ir-Regolament (UE) 2024/1610, ġiet introdotta l-istess formula fil-punt 5.1.2.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242. Barra minn hekk, dik il-formula tkopri t-trajettorji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tax-xarabanks u tal-kowċis li ma humiex ikkontemplati fid-definizzjoni attwali tad-Direttiva 1999/62/KE, għalkemm il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva se jiġi estiż għal

¹⁶ Ara wkoll l-ispejgazzjoni dwar l-Artikolu 7ga(1) hawn taħt.

dawk il-vetturi. Il-formula fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242 hija meqjusa stabbli fid-dawl ta' emendi futuri għal dak ir-Regolament. Għalhekk, id-definizzjoni issa tirreferi għal dik il-formula.

- Il-forma tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet inbidlet bl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1610 bħala riżultat tar-referenzi fid-definizzjoni għar-Regolament (UE) 2019/1242 u mingħajr deċiżjoni espliċita bbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta' politika. Konsegwentement, il-limiti tal-klassijiet 2 u 3 tal-emissjonijiet tas-CO₂ saru aktar stretti u għadd aktar baxx ta' vetturi konvenzjonali se jkunu eliġibbli għal dawk il-klassijiet.


L-għan tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa spjegat l-ewwel. It-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tiddetermina l-limiti għall-klassifikazzjoni tal-vetturi fil-klassijiet 2 u 3 tal-emissjonijiet tas-CO₂ sabiex jonqsu maż-żmien. Il-klassijiet 2 u 3 tal-emissjonijiet tas-CO₂ huma maħsuba biex jinċentivaw it-titjib fl-effiċjenza f'vetturi konvenzjonali li jaħdmu bil-fjuwils fossili. Il-forma tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet kif adottata fid-Direttiva (UE) 2022/362 għas-sottogruppi tal-vetturi 4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD u 10-LH (minn hawn 'il quddiem, is-“sottogruppi oriġinali tal-vetturi”) hija murija hawn taħt. Għas-snin sal-2030, id-definizzjoni tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tirreferi għall-fattur ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ (R-ET_Y) stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/1242. Ir-R-ET_Y min-naħa tiegħu jiddependi fuq il-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2015 u l-2030 li huma stabbiliti f'dak ir-regolament. Għall-2031 u s-snin ta' wara, id-definizzjoni tat-trajettorja għat-tnaqqis tal-emissjonijiet hija lineari f'livell li jikkorrispondi għal mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' 30 %. Din il-linearità tirrifletti t-titjib fl-effiċjenza fl-emissjoni tas-CO₂ li jista' jinkiseb minn vetturi konvenzjonali.




Ir-Regolament (UE) 2024/1610 żied il-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2030 minn 30 % għal 43 %. Din il-bidla teħtieġ li l-manifatturi jżidu l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet zero. Madankollu, l-istess mira taffettwa wkoll it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' din id-Direttiva u l-limiti korrispondenti tal-klassijiet 2 u 3 tal-emissjonijiet tas-CO₂, li huma maħsuba esklużivament għall-vetturi konvenzjonali.

Il-forma l-għdida tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, kif inhi fis-seħħ bħalissa, fiha gradjent aktar qawwi u għalhekk limiti aktar stretti għall-klassijiet 2 u 3 tal-emissjonijiet tas-CO₂ sa u inkluż l-2030. Għall-2031 u s-snin ta' wara, it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tibqa' lineari f'livell li jikkorrispondi għal mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' 30 %.

Għas-sottogruppi ta' vetturi oriġinali, it-trajettorja hija affettwata bejn il-perjodi ta' rapportar 2026 u 2030 inklużi, kif muri hawn taħt. Għalhekk, l-allokazzjoni ta' vetturi li jappartjenu għal dawk is-sottogruppi ta' vetturi se tiġi affettwata mill-bidu tal-perjodu ta' rapportar 2026 fl-1 ta' Lulju 2026.



Għas-sottogruppi ta' vetturi bil-perjodu ta' referenza 2021 (jiġifieri, is-sottogruppi ta' vetturi 1, 2, 3, 11, 12 u 16), it-trajettorja hija affettwata mill-bidu tagħha sal-2030, kif muri fl-illustrazzjoni ta' hawn taħt ¹⁷. Għalhekk, l-allokazzjoni ta' vetturi li jappartjenu għal dawk is-sottogruppi ta' vetturi hija affettwata mill-mument meta l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/62/KE jiġi estiż għal dawk is-sottogruppi ta' vetturi ¹⁸.



Għalhekk, id-definizzjoni hija emendata sabiex terġa' tiġi stabbilita l-forma oriġinali tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, kif muri fl-ewwel ċifra ta' hawn fuq, billi jsiru espliċiti kemm il-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2030 kif ukoll il-linearità tat-trajettorja wara l-2030.

Artikolu 2(1), il-punt (38): definizzjoni ta' "emissjonijiet ta' CO₂ ta' referenza ta' grupp ta' vetturi"

Din id-definizzjoni tista' tiġi ssimplifikata, u ċ-ċarezza legali tagħha għandha tittejjeb. Il-proposta oriġinali kienet tinkludi emenda għal din id-definizzjoni, iżda dik il-proposta saret obsoleta bl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1610. Id-definizzjoni ta' "emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza ta' grupp ta' vetturi" hija emendata kif ġej.

L-ewwel nett, l-Artikolu 2(1), il-punt (38), is-subpunt (a), huwa ssimplifikat billi jirreferi għad-definizzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza stabbilita fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242. Iż-żewġ definizzjonijiet huma ekwivalenti peress li t-tnejn jirreferu għall-punt 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242. Din il-bidla tallinja l-formulazzjoni ta' din id-definizzjoni mal-formulazzjoni tad-definizzjonijiet l-oħra kollha tad-Direttiva 1999/62/KE li jirreferu għar-Regolament (UE) 2019/1242.

It-tieni, l-Artikolu 2(1), il-punt (38), is-subpunt (b), sar obsolet għar-raġunijiet deskritti fl-ispejgazzjoni għad-definizzjoni ta' "vettura b'emissjonijiet baxxi" hawn fuq. Għalhekk, is-subpunt (b) tad-definizzjoni jiġihassar sabiex tiġi ssimplifikata din id-dispożizzjoni.

¹⁷ Il-forma l-għdida tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-sottogruppi tal-vetturi 1, 2, 3, 11, 12 u 16 hija differenti mill-forma tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-sottogruppi tal-vetturi oriġinali minħabba l-mira intermedja għat-tnaqqis tas-CO₂ għall-2025 għas-sottogruppi tal-vetturi oriġinali.

¹⁸ Ara l-ispejgazzjoni ta' hawn taħt għall-Artikolu 7ga(1) dwar il-mument tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni.

Artikolu 1(2): Artikolu 7ga — Varjazzjoni tat-tariffi għall-vetturi heavy-duty

Artikolu 7ga(1), it-tieni sar-raba' subparagrafi: l-obbligu li jiġu varjati t-tariffi abbażi tal-emissjonijiet tas-CO₂

Din id-dispożizzjoni għandha tiġi ssimplifikata sabiex l-amministrazzjonijiet u n-negozji nazzjonali jifhmu b'mod ċar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom. Barra minn hekk, għandu jiġi stabbilit perjodu suffiċjenti biex dan jiġi implimentat. Il-proposta oriġinali kienet tinkludi emenda għas-simplifikazzjoni ta' din id-definizzjoni, iżda ma pprovdietx perjodu ta' żmien ċar għall-amministrazzjonijiet u n-negozji nazzjonali biex jimplimentaw il-bidliet introdotti mir-Regolament (UE) 2024/1610.

Sabiex wieħed jifhem din it-taqsima, l-ewwel għandha tiġi ċċarata l-istruttura attwali tal-Artikolu 7ga(1) attwali, mit-tieni sar-raba' subparagrafi:

- L-Artikolu 7ga(1), it-tieni subparagrafu, jikkonċerna sottogruppi ta' vetturi li huma koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242;
- L-Artikolu 7ga(1), it-tielet subparagrafu, jikkonċerna l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/62/KE għal gruppi ta' vetturi li diġà kienu koperti mir-Regolament (UE) 2017/2400 iżda li għadhom ma humiex mir-Regolament (UE) 2019/1242; u
- l-Artikolu 7ga(1), ir-raba' subparagrafu, jikkonċerna l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/62/KE għal sottogruppi ġodda ta' vetturi wara l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242.

Ir-raġunijiet biex jiġi emendat l-Artikolu 7ga(1), mit-tieni sar-raba' subparagrafi, huma dawn li ġejjin:

- It-tliet subparagrafi kollha fihom referenzi għall-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242 sabiex jiġu identifikati s-sottogruppi ta' vetturi koperti minn dak ir-regolament. Madankollu, ir-Regolament (UE) 1242/1610 biddel l-istruttura ta' dak ir-regolament, sabiex is-sottogruppi tal-vetturi li huma koperti ma jibqgħux stabbiliti fl-Artikolu 2(1) tiegħu iżda pjuttost fil-punt 1 tal-Anness I tiegħu. Għalhekk, ir-referenzi għall-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament ma humiex preċiżi.
- L-Artikolu 7ga(1), it-tielet subparagrafu, sar obsolet għar-raġunijiet deskritti fl-ispejgazzjoni ta' hawn fuq dwar id-definizzjoni ta' "vettura b'emissjonijiet baxxi".
- L-Artikolu 7ga(1) ma jkoprix l-aġġustamenti għall-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/2142, li minflok huma koperti mill-aħħar sentenza tad-definizzjoni tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Madankollu, kif spjegat hawn fuq fit-taqsima dwar id-definizzjoni ta' "trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet", dik id-dispożizzjoni hija dispożizzjoni normattiva awtonoma u mhux definizzjoni, u għalhekk għandha titqiegħed fl-Artikolu 7ga(1).
- Barra minn hekk, iż-żmien għall-implimentazzjoni tal-aġġustamenti għall-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza ma huwiex adegwat. L-aġġustamenti japplikaw skont id-Direttiva 1999/62/KE "għall-perjodi ta' rappurtar li jibdwu wara d-dati rispettivi ta' applikazzjoni ta' dawk l-atti delegati;". Madankollu, ma huwa previst l-ebda żmien ta' implimentazzjoni jekk dak l-att jiġi adottat ftit qabel il-bidu ta' perjodu ta' rappurtar.

- L-Artikolu 7ga(1), ir-raba' subparagrafu, ma huwiex preċiż meta jirreferi għall-mument meta l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242 jiġi estiż għal sottogruppi ġodda ta' vetturi. B'mod speċifiku, din id-dispożizzjoni tiddikjara li l-varjazzjoni tat-tariffi tat-triq tapplika għal sottogruppi ta' vetturi ġodda meta jidħlu fis-seħħ trajettorji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għas-sottogruppi ta' vetturi li għadhom ma humiex koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242, kif iddeterminat minn att leġiżlattiv tal-UE. Madankollu, ma hemm l-ebda att tal-UE li jidħol fis-seħħ u jistabbilixxi l-valuri tat-trajettorji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' grupp ta' vetturi. Minflok, it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' grupp ta' vetturi hija kkalkolata abbażi tal-formuli diġà previsti fid-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(1), il-punt (37) tad-Direttiva. It-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sottogrupp ta' vetturi hija l-prodott tal-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal dak is-sottogrupp ta' vetturi (kif stabbilit fl-Artikolu 3a u fil-punt 4.3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242) u l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza ta' sottogrupp ta' vetturi (kif ippubblikati f'att skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242 fis-sena ta' wara l-perjodu ta' referenza ta' dak is-sottogrupp ta' vetturi)¹⁹. Għalhekk, it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sottogrupp ta' vetturi tista' tiġi kkalkolata meta jiġu ppubblikati l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza ta' dak is-sottogrupp ta' vetturi. Il-punt fiż-żmien stabbilit fl-Artikolu 7ga(1), ir-raba' subparagrafu, għall-estensjoni għal sottogruppi ġodda ta' vetturi huwa għalhekk marbut mal-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għal daww is-sottogruppi ta' vetturi f'att skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242.
- L-istess subparagrafu ma jistabbilixx perjodu għall-implimentazzjoni tal-estensjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/62/KE għal sottogruppi ġodda ta' vetturi. L-atti adottati skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242 jidħlu fis-seħħ fid-data tan-notifika lill-indirizzi. Madankollu, il-klassifikazzjoni ta' vetturi li jappartjenu għal daww is-sottogruppi ta' vetturi fi klassijiet ta' emissjonijiet tas-CO₂ tirrikjedi ħidma fuq is-sistemi tal-IT għat-tħaddim tas-sistemi tal-pedaġġi, il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-fornituri tas-servizzi tal-pedaġġi, u l-komunikazzjoni mal-utenti tat-triq dwar id-drittijiet tagħhom. Iż-żmien li dan ix-xogħol jirrikjedi huwa ta' madwar 6 xhur.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni sar-raba' subparagrafi tal-Artikolu 7ga(1) huma emendati kif ġej.

- Dawn it-tliet subparagrafi huma ssimplifikati billi:
 - jiġu kkoreġuti r-referenzi għar-Regolament (UE) 2019/1242: minflok ir-referenza għall-“Artikolu 2(1), il-punti (a) sa (d) tar-Regolament (UE) 2019/1242”, jintużaw il-kliem “sottogruppi ta' vetturi koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242”;
 - jitħassar it-tielet subparagrafu, li issa huwa obsolet. Għall-istess raġuni, is-subparagrafu tal-proposta oriġinali dwar il-varjazzjoni għall-klassijiet 1, 4 u 5 tal-emissjonijiet tas-CO₂ jitħassar ukoll;

¹⁹ Iż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dak l-att jiddependi min-naħa l-oħra fuq il-perjodu ta' referenza ta' grupp, kif stabbilit fil-punt 3.2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242. Il-perjodu ta' referenza għas-sottogruppi tal-vetturi li oriġinarjament kienu koperti minn dak ir-regolament (is-sottogruppi tal-vetturi 4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD u 10-LH) kien l-2019. Il-perjodu ta' referenza tas-sottogruppi tal-vetturi 1, 2, 3, 11, 12 u 16 huwa l-2021. Il-perjodu ta' referenza tas-sottogruppi l-oħra kollha huwa l-2025.

- jiġu amalgamati t-tieni u r-raba' subparagrafi attwali, minħabba li t-tnejn jikkonċernaw kif is-sottogruppi tal-vetturi koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242 huma inklużi fil-varjazzjoni tal-imposti tal-infrastruttura kif irregolati fl-Artikolu 7ga;
 - Jiżdied subparagrafu ġdid biex mid-definizzjoni tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet titqiegħed f'dan l-Artikolu d-dispożizzjoni dwar l-aġġustamenti għall-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza.
 - Il-bidliet li ġejjin huma introdotti biex jiċċaraw iż-żmien tal-implimentazzjoni tal-bidliet skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 fid-Direttiva 1999/62/KE:
 - Il-punt fiż-żmien tal-estensjoni għal sottogruppi ta' vetturi ġodda (li jirrifletti l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242) għandu jiġi ċċarat. Din l-estensjoni tikkonċerna s-sottogruppi kollha ta' vetturi li l-perjodu ta' referenza tagħhom ma huwiex l-2019 (ara n-nota 19 f'qiegħ il-paġna). Jitneħħew ir-referenzi għad-*“dħul fis-seħħ tat-trajettorji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet”*. Kif deskritt hawn fuq, il-punt fiż-żmien minn meta għandha tiġi applikata varjazzjoni huwa marbut mal-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza ta' dak is-sottogrupp ta' vetturi adottat f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242. Għalhekk, l-Artikolu 7ga(1) jirreferi wkoll għall-pubblikazzjoni ta' dawk l-atti.
 - Perjodu ta' implimentazzjoni ta' 6 xhur jiġi pprovdut wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza li ġew adottati f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242. L-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għas-sottogruppi tal-vetturi oriġinali diġà ġew ippubblikati, u għalhekk id-data tal-applikazzjoni għal dawk is-sottogruppi tat-13 ta' Mejju 2023 hija stabbilita b'mod espliċitu ²⁰.
 - Perjodu ta' implimentazzjoni ta' 6 xhur huwa pprovdut f'każ li jkun hemm bżonn ta' aġġustamenti għall-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza abbażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/1242. Id-data tal-applikazzjoni ta' dawn l-aġġustamenti hija speċifikata bħala l-*“ewwel jum tas-sitt xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom”* sabiex jiġi żgurat li vetturi simili jiġu ttrattati bl-istess mod bejn il-fruntieri u biex jiġu evitati distorsjonijiet fil-kompetizzjoni fost l-operaturi tat-trasport li jkunu sidien ta' vetturi simili.
- Peress li huwa mistenni li jiġi adottat att skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/1242 u se japplika mill-perjodu ta' rapportar 2025 'il quddiem għas-sottogruppi tal-vetturi oriġinali, u peress li huwa possibbli li l-perjodu ta' 6 xhur jiskadi fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din il-proposta, id-data tal-applikazzjoni għal dawk is-sottogruppi tal-vetturi tista' tkun qasira wisq jew mhux ċara. Sabiex jiġi żgurat li d-data tal-applikazzjoni tal-aġġustamenti għal dawk is-sottogruppi ta' vetturi tkun ċara, u li jingħata biżżejjed żmien ta'

²⁰ Din id-data ħabtet sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/781 tal-10 ta' Mejju 2021 dwar il-pubblikazzjoni ta' lista li tindika ċerti valuri ta' emissjonijiet tas-CO₂ għal kull manifattur kif ukoll emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ tal-vetturi heavy-duty ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni u emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-perjodu tar-rapportar tas-sena 2019 (ĠU L 167, 12.5.2021, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/781/oj).

implimentazzjoni, dak l-aġġustament għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2026 skont id-Direttiva ²¹.

Artikolu 7ga(2): klassifikazzjoni ta' vetturi għall-klassijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂

Il-proposta oriġinali ma emendatx din id-dispożizzjoni. Madankollu, sar meħtieġ li din tiġi emendata wara l-bidliet introdotti mir-Regolamenti (UE) 2024/1610 u (UE) 2022/1379. Din għandha tiġi emendata biex tindika kif għandhom jiġu kklassifikati l-vetturi f'każijiet speċifiċi li jistgħu jiġu interpretati b'mod ambigwu skont id-Direttiva 1999/62/KE sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat madwar l-UE.

Dan il-paragrafu jispeċifika kif:

- (a) għandhom jiġu kklassifikati mill-ġdid il-vetturi abbażi tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet kif definita oriġinarjament fid-Direttiva (UE) 2022/362;
- (b) għandhom jiġu kklassifikati l-vetturi akkumpanjati minn fajl ta' informazzjoni għall-klijent u rreġistrati qabel il-bidu tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet;
- (c) għandhom jiġu kklassifikati l-vetturi vokazzjonali;
- (d) għandhom jiġu kklassifikati vetturi b'emissjonijiet żero modifikati b'mod retroattiv; u
- (e) għandhom jiġu kklassifikati l-vetturi li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil.

L-istabbiliment fid-dritt tal-Unjoni tal-mod kif għandhom jiġu ttrattati dawk il-każijiet jipprovdi ċertezza legali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva.

– *Riklassifikazzjoni tal-vetturi abbażi tad-definizzjoni oriġinali tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet.* Din il-proposta għandha l-għan li terġa' tistabbilixxi l-forma oriġinali u t-tifsira tad-definizzjoni tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet²². Madankollu, il-vetturi li jiġu allokatati għal klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂ qabel ma tiġi adottata din il-proposta jistgħu jiġu allokatati għal klassi mhux favorevoli.

Sabiex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet bejn il-vetturi allokatati għal klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂ wara l-adozzjoni ta' din il-proposta u l-vetturi allokatati abbażi ta' mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2030 ta' 43 %, l-Istati Membri jeħtiġilhom jallokaw mill-ġdid dawk il-vetturi fi żmien xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-proposta.

Din id-dispożizzjoni hija meħtieġa biss jekk din il-proposta tidħol fis-seħħ wara wieħed miż-żewġ punti ta' żmien li ġejjin: wara l-1 ta' Lulju 2026 (li taffettwa l-vetturi li jappartjenu għas-sottogruppi oriġinali tal-vetturi), jew, wara li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/62/KE jiġi estiż biex jinkludi s-sottogruppi tal-vetturi 1, 2, 3, 11, 12, u 16 ²³. Din id-dispożizzjoni ma tkunx meħtieġa jekk din il-proposta tidħol fis-seħħ qabel dawk iż-żewġ avvenimenti.

²¹ Dan huwa konformi mal-verżjoni attwali tal-aħħar sentenza tad-definizzjoni tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Fil-fatt, dik id-dispożizzjoni tiddikjara li l-valuri aġġustati għandhom japplikaw mill-perjodu ta' rapportar li jibda wara d-data tal-applikazzjoni ta' dak l-att, li tkun l-1 ta' Lulju 2026.

²² Ara l-ispejgazzjoni dwar l-Artikolu 2(1), il-punt (37) hawn fuq.

²³ Ara l-ispejgazzjoni ta' hawn taħt għall-Artikolu 7ga(1) dwar il-punt taż-żmien tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni.

- *Vetturi akkumpanjati minn fajl ta' informazzjoni għall-klijent u rreġistrati qabel il-bidu tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet.* Id-Direttiva 1999/62/KE ma tirregolax kif għandhom jiġu kklassifikati l-vetturi tal-klassijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂ li ġew irreġistrati qabel il-bidu tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-sottogrupp tal-vetturi korrispondenti iżda li għalihom is-sidien jistgħu jipprovdu evidenza tal-emissjonijiet tas-CO₂ abbażi tal-fajl ta' informazzjoni għall-klijent.

Għas-sottogruppi tal-vetturi bil-perjodu ta' referenza 2021 jew 2025, teżisti diskrepanza bejn is-sena meta tibda t-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-iskadenzi għall-manifatturi biex jakkumpanjaw vetturi ġodda bil-fajl ta' informazzjoni għall-klijent ²⁴. B'mod speċifiku, l-iskadenza għall-manifatturi biex jagħmlu dan tiġi qabel is-sena tal-bidu tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

L-Artikolu 7ga(2a) jiċċara li l-vetturi li għalihom tista' tiġi pprovduta evidenza tal-emissjonijiet tas-CO₂ huma eliġibbli li jiġu kkategorizzati fi klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂, abbażi tal-valuri tal-ewwel sena tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal dak is-sottogrupp. Din il-proposta tiżgura approċċ armonizzat fl-UE.

- *Vetturi vokazzjonali.* Ir-Regolament (UE) 2019/1242 jiddistingwi vetturi vokazzjonali (bħal vetturi li jintużaw għall-għir tal-iskart jew għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ²⁵) minn tipi oħra ta' vetturi billi jiddefinixxi sottogruppi vokazzjonali. Dan għaliex ix-xejra tal-użu tal-vetturi vokazzjonali hija differenti mix-xejra tal-użu tal-vetturi li jittrasportaw il-merkanzija jew il-persuni. Il-vetturi vokazzjonali huma responsabbli għal madwar 2 % tal-emissjonijiet tas-settur tal-vetturi heavy-duty u joperaw l-aktar fl-ibliet ²⁶.

Il-manifatturi ma humiex meħtieġa jidentifikaw in-natura vokazzjonali ta' vettura heavy-duty minħabba li l-użu finali tal-vettura xorta jista' ma jkunx ċar fiż-żmien tal-produzzjoni. Minflok, il-vetturi vokazzjonali huma rikonnoxxuti bħala tali wara l-ewwel reġistrazzjoni tal-vetturi għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/1242. Konsegwentement, il-fajl ta' informazzjoni għall-klijent li jirċievu s-sidien tal-vetturi ma jiddikjarax jekk il-vettura hijiex vokazzjonali jew le. Għalhekk, daww il-vetturi ma jistgħux jiġu ttrattati bħala sottogrupp separat ta' vetturi skont id-Direttiva 1999/62/KE fil-forma attwali tagħha.

Ir-rikonoxximent ta' sottogruppi ta' vetturi vokazzjonali skont id-Direttiva 1999/62/KE jfisser l-użu ta' dokumenti addizzjonali maħruġa wara r-reġistrazzjoni tal-vettura biex tiġi identifikata n-natura vokazzjonali tal-vetturi. Il-piż amministrattiv ikun sproporzjonat meta mqabbel mas-sehem baxx ta' emissjonijiet

²⁴ It-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tibda fil-perjodu ta' referenza ta' sottogrupp ta' vetturi (kif stabbilit fil-punt 3.2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242), iżda l-iskadenzi għall-manifatturi huma stabbiliti fl-Artikoli 9 u 24 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u jiddependu fuq il-grupp ta' vetturi. Għas-sottogruppi tal-vettura oriġinali, iż-żewġ dati kkoinċidew: it-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet bdiet fl-1 ta' Lulju 2019 minħabba li l-perjodu ta' referenza (kif definit fir-Regolament (UE) 2019/1242 għal daww is-sottogruppi tal-vetturi) kien l-2019. L-iskadenzi għall-manifatturi biex jakkumpanjaw vetturi ġodda bil-fajl ta' informazzjoni għall-klijent kienu wkoll l-1 ta' Lulju 2019 (kif stabbilit fl-Artikolu 24(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2017/2400).

²⁵ Il-lista sħiħa tat-tipi ta' vetturi vokazzjonali tista' tinstab fil-punt 1.2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242 flimkien mal-Appendiċi 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 151 14.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858>).

²⁶ Ara l-premessa 33 tar-Regolament (UE) 2024/1610.

ikkawżati minn vetturi vokazzjonali u l-ammont baxx ta' kilometri vvjaġġati fit-toroq koperti mill-Artikolu 7ga tad-Direttiva (jiġifieri awtostradi u toroq tat-TEN-T). Barra minn hekk, hemm riskju li l-Istati Membri japplikaw approċċi frammentati, jekk id-Direttiva ma tiddefinix il-proċedura għall-użu ta' dokumenti għajr il-fajl ta' informazzjoni għall-klijent. Dawn ir-raġunijiet oġġettivi jiġġustifikaw it-trattament tas-sottogruppi ta' vetturi vokazzjonali b'mod differenti minn sottogruppi ta' vetturi oħrajn.

L-Artikolu 7ga(2) għalhekk jirrikjedi li l-vetturi vokazzjonali jitqiesu bħala li jappartjenu għas-sottogrupp korrispondenti ta' vetturi mhux vokazzjonali. Din l-informazzjoni hija pprovduta fil-fajls kollha ta' informazzjoni għall-klijent tal-vetturi. Din il-proposta tiċċara kif għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva dwar il-vetturi vokazzjonali.

- *Vetturi b'emissjonijiet żero li jiġu mmodifikati b'mod retroattiv biex jestendu l-firxa tagħhom.* Il-firxa tat-tħaddim ta' vetturi b'emissjonijiet żero tkompli tpoġġihom fi żvantaġġ għall-vetturi konvenzjonali. Sabiex tiżdied il-medda operattiva tal-vettura, huwa possibbli li vetturi b'emissjonijiet żero jiġu modifikati b'mod retroattiv billi pakkett tal-batteriji jiġi ssostitwit b'generator tal-fjuwil ²⁷. Tali vetturi modifikati b'mod retorattiv b'hekk isiru vetturi ibridi.

Għalkemm dawn jużaw generator tal-fjuwil, il-vetturi b'emissjonijiet żero modifikati b'mod retroattiv jibqgħu kklassifikati taħt il-klassi 5 tal-emissjonijiet tas-CO₂ skont id-Direttiva 1999/62/KE minħabba li l-klassifikazzjoni tal-vetturi hija bbażata fuq id-dokumentazzjoni tal-vettura fil-ħin tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vetturi.

Li dawk il-vetturi jiġu ttrattati bħala li jappartjenu għall-klassi 5 tal-emissjonijiet tas-CO₂ joħloq distorsjoni fis-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq għad-detriment tal-operaturi li jużaw vetturi b'emissjonijiet żero li ma jkunux modifikati b'mod retroattiv. Din il-klassifikazzjoni lanqas ma tirrifletti l-emissjoni reali tul il-ħajja tal-vetturi għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/1242.

Barra minn hekk, il-manifatturi jistgħu jikkalkulaw l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ ta' dawk il-vetturi fl-għodda ta' simulazzjoni tal-VECTO kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2017/2400 qabel ma jitqiegħdu fis-suq.

Għalhekk, qed jiġi propost li l-vetturi b'emissjonijiet żero li huma modifikati b'mod retorattiv biex jestendu l-medda tagħhom ma jiġux ittrattati bħala li jappartjenu għall-klassi 5 tal-emissjonijiet tas-CO₂ iżda li minflok jappartjenu għall-klassi 1 tal-emissjonijiet tas-CO₂. Din il-bidla tiżgura li l-vetturi jiġu allokat i għall-klassijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂ abbażi tar-riżultati tal-għodda ta' simulazzjoni tal-VECTO.

- *Vetturi li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil prodotti qabel l-inklużjoni tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2017/2400.* Il-vetturi li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil prodotti qabel dik it-teknoloġija ġiet inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2400 bir-Regolament (UE) 2022/1379 ma humiex eliġibbli għal rati ta' pedaqġ aktar favorevoli minħabba n-nuqqas ta' fajl ta' informazzjoni għall-klijent. Għalhekk, dawk il-vetturi jistgħu jbatu minn żvantaġġ kompetittiv għal vetturi simili

²⁷ Ara <https://www.scania.com/group/en/home/newsroom/press-releases/press-release-detail-page.html/4993330-scania-and-dhl-to-test-electric-truck-with-fuel-powered-range-extender> u <https://group.dhl.com/en/media-relations/press-releases/2025/dhl-and-scania-to-test-electric-truck-with-fuel-powered-range-extender.html>

li ġew irreġistrati wara dik id-data. Tista' titwettaq simulazzjoni ġdida biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' dawk il-vetturi filwaqt li jitqiesu l-aħħar rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2017/2400, inkluż ta' vetturi li diġà ġew irreġistrati. Il-manifatturi li pproduċew vetturi li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil qabel ma dawk il-vetturi kienu koperti mir-Regolament (UE) 2017/2400 jistgħu jwettqu din is-simulazzjoni.

Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw ir-riżultat ta' dawk is-simulazzjonijiet għall-klassifikazzjoni ta' vettura li tuża żewġ tipi ta' fjuwil fil-klassijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂. Peress li l-ġodda ta' simulazzjoni hija sors miftuħ u tista' tintuża b'mod illeġittimu, il-Kummissjoni għandha tissorvelja meta tintuża din l-għażla. Għalhekk, meta manifattur jiddeċiedi li juża din l-għażla, dan għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-Kummissjoni. Sabiex jiġi evitat l-użu ta' fajls ta' simulazzjoni illeġittimi, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw biss fajl ta' simulazzjoni ġdid jekk (i) jiġi riċevut direttament minn manifattur; (ii) il-fajl ta' simulazzjoni jkun f'format diġitali; u (iii) deċizzjoni pożittiva tal-Kummissjoni tkun ġiet indirizzata lil dak il-manifattur.

Artikolu 7ga(7) – Il-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza

Il-proposta oriġinali ma kinitx tinkludi din id-dispożizzjoni. Dan il-paragrafu jikkonċerna l-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza tal-gruppi ta' vetturi koperti mir-Regolament (UE) 2017/2400 iżda li għadhom ma humiex koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242. Kif spjegat hawn fuq, din id-dispożizzjoni issa hija obsoleta u għalhekk titħassar sabiex tiġi ssimplifikata d-Direttiva.

Artikolu 7gc(7) — L-effett tat-trejlers fuq id-determinazzjoni tat-tnaqqis tat-tariffi għall-użu tat-triq

Il-proposta oriġinali hija emendata biex tiċċara t-trejlers eliġibbli għall-klassi 3 tat-trejler billi tirreferi għad-definizzjoni l-ġdida ta' trejlers b'emissjonijiet zero stabbilita fl-Artikolu 3, il-punt 11, is-sottopunt (c) tar-Regolament (UE) 2019/1242, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/1610.

Artikolu 8(3) – Id-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7ga għall-Istati Membri b'sistema komuni għat-tariffi għall-utent

Il-proposta oriġinali ma kinitx tinkludi din id-dispożizzjoni, iżda l-emenda tagħha hija meħtieġa biex tiġi allinjata mal-emendi proposti għall-Artikolu 7ga(1). Tabilħaqq, l-Artikolu 8(3) jinkludi referenza għat-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 7ga(1), li huma affettwati minn din il-proposta.

L-Artikolu 7ga(1), it-tieni subparagrafu, ikopri kemm is-sottogruppi oriġinali tal-vetturi kif ukoll is-sottogruppi l-ġodda tal-vetturi. L-estensjoni tal-iskadenza għall-Istati Membri b'sistema komuni għat-tariffi għall-utenti hija maħsuba għall-ewwel implimentazzjoni tal-varjazzjoni tat-tariffi għas-sottogruppi oriġinali tal-vetturi. Għalhekk, din id-data ta' applikazzjoni għas-sottogruppi tal-vetturi oriġinali issa hija stabbilita b'mod espliċitu, b'mod simili peress li din il-proposta temenda l-Artikolu 7ga(1).

Proposta emendata għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 1999/62/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE u d-Direttiva (UE) 2019/520 fir-rigward tal-klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi heavy-duty bit-trejlers u li tiċċara u tissimplifika ċerti dispożizzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ³ saħħet il-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u ta' "min juża jħallas" permezz tal-introduzzjoni ta' tariffi obbligatorji abbażi tal-emissjonijiet tas-CO₂, billi jew jiġu varjati t-tariffi għall-infrastruttura u għall-utenti skont l-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi jew billi tiġi applikata tariffa għall-kostijiet esterni għall-emissjonijiet tas-CO₂. Bħalissa, it-tariffi għall-użu tat-triq ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkludu vettura bil-mutur u trejler huma varjati abbażi tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vettura bil-mutur, irrispettivament mill-karatteristiċi tat-trejler marbut, b'mod partikolari mill-effett tiegħu fuq l-emissjonijiet tas-CO₂ tal-kombinazzjoni ta' vetturi.
- (2) Għalkemm trejler ma jikkonsmax enerġija waħdu, huwa jeħtieġ l-enerġija mill-vettura bil-mutur tal-irmonk biex jiċċaqlaq. L-ottimizzazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tat-trejlers twassal għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi konvenzjonali u għaż-żieda fl-awtonomija tal-vetturi. Tali ottimizzazzjoni tat-trejlers tiġi mit-titjib fil-prestazzjoni ajrudinamika, ir-reżistenza għad-dawrien u l-piż tat-trejlers. Il-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika huwa ta' madwar 7,5 % għat-trejlers bl-iżbarra tal-irmonk u 15 % għas-semitrejlers meta mqabbel ma' trejler ta' referenza tas-sena 2020. Għalhekk, it-trejlers jista' jkollhom rwol importanti fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur

¹ ĠU C/2023/874, 8.12.2023, p. **ELI**: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/874/oj>.

² ĠU C , , p. .

³ Id-Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 69, 4.3.2022, p. 1, **ELI**: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/362/oj>).

tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Madankollu, l-adozzjoni mis-suq ta' trejlers aktar effiċjenti hija mxekkla mill-prezzijiet aktar għoljin tagħhom u mill-fatt li sa issa x-xerrejja tat-trejlers ma kinux f'pożizzjoni li jgħabblu trejlers differenti f'termini tal-effiċjenza enerġetika tagħhom. Dan iwassal għal disponibbiltà limitata ta' trejlers effiċjenti fl-użu tal-enerġija fis-suq. Diġà huma disponibbli apparati ajrudinamiċi fis-suq, u se jsiru aktar disponibbli fil-futur, iżda dawn ma jintużawx b'mod komuni fil-flotta attwali tal-Unjoni.

- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362⁴ stabbilixxa valuri ċċertifikati legalment għall-effett tat-trejlers fuq l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi tqal tal-merkanzija. Biex ikompli jitnaqqas il-kost operatorju ta' trejlers aktar effiċjenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli li jinkludu l-effett tat-trejlers fuq l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi tqal tal-merkanzija fi skemi ta' tariffi għall-użu tat-triq ibbażati fuq id-differenzjazzjoni tas-CO₂. Peress li l-vetturi bil-mutur jistgħu jkunu marbuta ma' trejlers differenti, jenħtieġ li l-inklużjoni tat-trejlers fi skemi ta' tariffi għall-użu tat-triq ibbażati fuq id-differenzjazzjoni tas-CO₂ tkun ibbażata fuq it-trejler li fil-fatt jintuża.
- (4) Jenħtieġ li l-estensjoni tat-tariffi abbażi tal-emissjonijiet tas-CO₂ għat-trejlers tapplika għat-trejlers li għalihom japplika r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362. Il-prestazzjoni tat-trejlers tista' tvarja skont il-parametri tekniċi tagħhom. Biex tiġi evalwata l-prestazzjoni tat-trejlers f'termini tal-effiċjenza enerġetika, il-prestazzjoni f'termini tal-potenzjal ta' tnaqqis tas-CO₂ ta' trejler speċifiku titqabbel mal-prestazzjoni ta' trejler ta' referenza, li jkun simili f'termini ta' konfigurazzjoni tal-fus, it-tagħbija massima permissibbli fuq il-fus u l-konfigurazzjoni tax-xażi. Il-proporzjon bejn il-valur tat-trejler speċifiku u dak tat-trejler ta' referenza huwa definit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362 bħala proporzjon ta' effiċjenza. Trejlers aktar effiċjenti għandhom valur tal-proporzjon ta' effiċjenza aktar baxx minn 1.
- (5) Il-kalkolu tal-proporzjon ta' effiċjenza jista' jkun ibbażat fuq kilometru, tunnellata-kilometru jew m3-kilometru. Għat-trejlers kollha ħliel daww orjentati lejn il-volum, jenħtieġ li jintuża l-proporzjon ta' effiċjenza bbażat fuq tunnellata-kilometru. It-trejlers orjentati lejn il-volum huma daww li huma primarjament iddisinjati għat-trasport ta' merkanzija voluminuża. Il-proporzjon ta' effiċjenza bbażat fuq tunnellata-kilometru ma jistax jintuża għal trejlers orjentati lejn il-volum minħabba li dawn it-trejlers għandhom reżistenza għad-dawrien u massa oġġla mill-kontropartijiet tradizzjonali tagħhom. Għat-trejlers orjentati lejn il-volum, minflok jenħtieġ li jintuża l-proporzjon ta' effiċjenza – ibbażat fuq m3-kilometru.
- (6) Il-klassi tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' kombinazzjoni ta' vettura ma' trejler aktar effiċjenti jenħtieġ li tkun oġġla mill-klassi tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vettura bil-mutur waħedha, u għalhekk tagħti aċċess għal tnaqqis akbar tat-tariffi għall-użu tat-triq. L-effett tal-potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' trejler fuq il-klassi tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' kombinazzjoni ta' vetturi jenħtieġ li jkun ibbażat fuq it-tqabbil bejn il-proporzjon ta' effiċjenza tat-trejler speċifiku mal-limiti tal-proporzjon

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prestazzjoni ta' trejlers heavy-duty fir-rigward tal-influenza tagħhom fuq l-emissjonijiet tas-CO₂, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija u l-firxa tas-sewqan b'emissjonijiet zero tal-vetturi bil-mutur u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L 205, 5.8.2022, p. 145, **ELI**: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1362/oj).

ta' effiċjenza msemija f'din id-Direttiva. Huma previsti limiti differenti għas-semirejlers u għal trejlers oħra peress li l-potenzjal tagħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ b'mod kosteffiċjenti huwa differenti.

- (7) Fejn l-Istat Membru jinkludi l-effett tat-trejlers fuq l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi tqal tal-merkanzija fi skemi ta' tariffi għall-użu tat-triq fit-territorju tiegħu u jimponi tariffi speċifiċi fuq kombinazzjonijiet ta' vetturi li jiddevjaw mill-piżijiet u/jew mid-dimensjonijiet massimi stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE⁵, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jitħalla japplika t-tnaqqis tat-tariffi għall-użu tat-triq għal dawk il-kombinazzjonijiet ta' vetturi li jużaw tal-anqas trejler wieħed aktar effiċjenti.
- (8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li temenda l-Anness VIII tad-Direttiva 1999/62/KE, permezz ta' atti delegati, biex tiddefinixxi jew taġġusta l-limiti tal-proporzjon ta' effiċjenza stabbiliti fih, u biex tiddefinixxi metodoloġija għall-allokazzjoni għall-klassijiet tat-trejlers tat-trejlers li jkunu għaddew minn proċess ta' modifika retroattiva, speċjalment dawk li għalihom ma jkunx ġie assenjat proporzjon ta' effiċjenza f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362. Jenħtieġ li d-definizzjoni tal-limiti tal-proporzjon ta' effiċjenza ssir malli d-data dwar l-effiċjenza tat-trejlers tinġabar għal mill-anqas sena skont ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Jenħtieġ li l-limiti tal-proporzjon ta' effiċjenza jkunu bbażati fuq l-effiċjenza medja tal-flotta tat-trejlers meta jiġu ppubblikati l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għal tali vetturi, u fuq il-potenzjal li t-trejlers ikollhom biex jiġi ġġenerat titjib fl-effiċjenza. Jenħtieġ li dawn imbagħad jiġu aġġustati biex jirriflettu l-progress tekniku u penetrazzjoni dejjem akbar ta' teknoloġiji ġodda, bħal trejlers b'fusien motorizzati. Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' metodoloġija għat-trejlers b'modifika retroattiva tikkunsidra l-installazzjoni ta' tagħmir li jtejjeb l-enerġija tagħhom, bħal apparat ajrudinamiku, li jkun jista' jiġi vverifikat matul it-test perijodiku tal-affidabbiltà stradali u li jenħtieġ li jiġi rrapportat fuq iċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali, kif imsemmi fid-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.
- (9) Sabiex jiġi żgurat li s-sewwieqa jiddikjaraw b'mod korrett il-prestazzjoni tat-trejler imqabbad mal-vettura bil-mutur meta jagħmlu użu mit-tnaqqis tat-tariffi abbażi tal-emissjonijiet tas-CO₂, huwa meħtieġ li l-uffiċjali tal-infurzar jiġu pprovduti, fuq talba, b'evidenza tal-klassi tal-emissjonijiet tal-kombinazzjoni ta' vetturi, jiġifieri inkluża evidenza li tattesta l-prestazzjoni tat-trejler. Jekk tali evidenza ma tiġix ipprovduta, Stat Membru jkun intitolat li japplika tariffi abbażi tal-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura bil-mutur waħedha.

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59, **ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1996/53/oj>**).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO₂ u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 1, **ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/956/oj>**).

⁷ Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perijodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51, **ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/45/oj>**).

- (10) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni koerenti tal-varjazzjoni fit-tariffi għall-użu tat-triq skont l-emissjonijiet tas-CO₂, jeħtieġ li d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE⁸ tiġi emendata biex tirrikjedi, fejn ikun disponibbli fuq iċ-ċertifikat ta' konformità tagħhom jew fuq iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-vettura individwali, li l-proporzjon ta' effiċjenza tat-trejlers jiġi indikat fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tagħhom. Huwa importanti li jiġi żgurat li d-data relatata mal-effiċjenza tat-trejlers tkun disponibbli għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹.
- (11) ~~Barra minn hekk, huwa xieraq li d-Direttiva 1999/62/KE tiġi emendata sabiex tirrifletti l-istruttura l-ġdida tar-Regolament (UE) 2019/1242, kif emendat bi [żid ir-referenza ladarba tkun magħrufa]. Il-bidliet meħtieġa għandhom li għan li jippreservaw it-tifsira attwali tad-definizzjonijiet ta' vettura b'emissjonijiet zero, vettura b'emissjonijiet baxxi, emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza u trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, u jenħtieġ li jaġġornaw din tal-aħħar sabiex l-applikabbiltà tagħha tiġi armonizzata mar-Regolament imsemmi hawn fuq wara l-2030. Jenħtieġ li dawn il-bidliet jippreservaw ukoll l-obbligu li jiġu varjati t-tariffi tal-infrastruttura u għall-utenti u ż-żmien minn meta japplika dan l-obbligu. Fir-rigward tas-sottogruppi ta' vetturi diġà koperti mir-Regolament, jenħtieġ li dawn il-bidliet b'mod partikolari jiċċaraw li dan l-obbligu japplika mit-13 ta' Mejju 2023, jiġifieri sentejn wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/781¹⁰, li tispeċifika l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għal daww is-sottogruppi ta' vetturi. Biex tiġi żgurata l-adozzjoni f'waqtha ta' dawn il-bidliet fir-rigward tad-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi għar-Regolament (UE) 2019/1242, jenħtieġ li tiġi stabbilita skadenza ta' sena għat-traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.~~
- (11) Huwa xieraq li jiġu ċċarati u ssimplifikati ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/62/KE biex jirriflettaw l-emendi tar-Regolament (UE) 2024/1610 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ għar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², kif ukoll l-emendi tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1379¹³ għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE)**

⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57, **ELI**: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/45/oj>).

⁹ Id-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' hlaas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 45, **ELI**: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/520/oj>).

¹⁰ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/781 tal-10 ta' Mejju 2021 dwar il-pubblikazzjoni ta' lista li tindika ċerti valuri ta' emissjonijiet tas-CO₂ għal kull manifattur kif ukoll emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ tal-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni u emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-perjodu tar-rapportar tas-sena 2019 (ĠU L 167, 12.5.2021, p. 47).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1610 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956 (ĠU L, 2024/1610, 6.6.2024, **ELI**: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1610/oj>).

¹² Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, **ELI**: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj>).

¹³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1379 tal-5 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2400 fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil ta' trakkijiet medji u

2017/2400¹⁴. Il-bidliet proposti jikkonċernaw id-definizzjonijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂, tal-vettura b'emissjonijiet żero, tal-vettura heavy-duty b'emissjonijiet baxxi, tal-grupp ta' vetturi, tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza, kif ukoll tal-Artikolu 7ga u tal-Artikolu 8(3), filwaqt li jippreservaw it-tifsira oriġinali tagħhom.

(12) Din id-Direttiva jenħtieġ li tiċċara l-punt fiż-żmien minn meta japplika l-obbligu li jiġu varjati t-tariffi tat-triq abbażi tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal sottogrupp ta' vetturi. Għalhekk din tirreferi għall-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza ta' sottogrupp ta' vetturi adottat f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242. Din id-Direttiva għandha tagħti wkoll biżżejjed żmien għall-implimentazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-fornituri tas-servizzi tal-pedaġġi biex jikklassifikaw il-vetturi ta' daww is-sottogruppi ta' vetturi fi klassijiet ta' emissjonijiet tas-CO₂. Perjodu ta' implimentazzjoni ta' 6 xhur huwa pprovdut wara l-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza. Fir-rigward tas-sottogruppi ta' vetturi oriġinarjament koperti minn dak ir-Regolament, l-obbligu li jiġu varjati t-tariffi tat-triq ilu japplika mit-13 ta' Mejju 2023, li kien sentejn wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/781¹⁵.

(13) Din id-Direttiva jenħtieġ li tiċċara d-data minn meta japplikaw l-aġġustamenti għall-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza adottati skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/1242. Perjodu ta' 6 xhur huwa xieraq biex tiġi implimentata din il-bidla. Din id-data għandha tkun l-istess fl-Istati Membri kollha sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-operaturi tat-trasport li jkollhom vetturi simili rreġistrati għall-ewwel darba fl-istess data iżda li huma stabbiliti fi Stati Membri differenti. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) .../... li taġġusta l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza indikati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/781 9 u li tispeċifika l-metodoloġija għad-definizzjoni ta' vetturi rappreżentattivi [iżid referenza ladarba tkun magħrufa] aġġustat l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza b'applikazzjoni mill-perjodu ta' rapportar 2025 għas-sottogruppi tal-vetturi 4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD u 10-LH. Il-verżjoni attwali tad-definizzjoni tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tipprovdi li l-valuri aġġustati japplikaw mill-perjodu ta' rapportar li jibda wara d-data tal-applikazzjoni ta' dak l-att. Għalhekk jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Lulju 2026. Sabiex jiġi evitat li l-perjodu ta' implimentazzjoni ta' 6 xhur jiskadi kmieni wisq wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva u li jitħalla perjodu insuffiċjenti għall-implimentazzjoni, id-data tal-applikazzjoni tal-1 ta' Lulju 2026 tinżamm espliċitament.

tqal u ta' karożżi tal-linja tqal u sabiex jiġu introdotti vetturi elettriċi u teknoloġiji ġodda oħra (ĠU L 212, 12.8.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1379/oj>).

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (OJ L 349, 29.12.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2400/oj>).

¹⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/781 tal-10 ta' Mejju 2021 dwar il-pubblikazzjoni ta' lista li tindika ċerti valuri ta' emissjonijiet tas-CO₂ għal kull manifattur kif ukoll emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ tal-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni u emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-perjodu tar-rapportar tas-sena 2019 (ĠU L 167, 12.5.2021, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/781/oj).

- (14) Din id-Direttiva jenħtieġ li tippreserva t-tifsira tad-definizzjoni tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-Direttiva 1999/62/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2022/362. Ir-Regolament (UE) 2024/1610 emenda r-Regolament (UE) 2019/1242 billi introduċa mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2030 ta' 43 %. Din il-bidla taffettwa l-gradjent tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet iddefinita fid-Direttiva 1999/62/KE għas-snin sa u inkluża l-2030. Għalhekk, ċerti limiti tal-klassijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂ sa u inkluża l-2030 huma aktar stretti minn dawk għall-2031 u s-snin ta' wara. Il-forma li tirriżulta tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ma kinitx konsegwenza intenzjonata tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1610. Għalhekk, il-forma oriġinali tat-trajettorja għat-tnaqqis tal-emissjonijiet jenħtieġ li terġa' tiddaħħal billi tiġi stabbilita mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' 30 % 2030 fid-Direttiva 1999/62/KE. Sakemm tapplika din il-bidla, huwa possibbli li ċerti vetturi jistgħu jiġu allokat i għal klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂ bi trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ibbażata fuq mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2030 ta' 43 %. Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali mal-vetturi li jiġu allokat i għal klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂ wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jikklassifikaw mill-ġdid dawk il-vetturi billi jużaw trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ibbażata fuq mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2030 ta' 30 %, fi żmien xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
- (15) Din id-Direttiva jenħtieġ li tiċċara kif għandhom jiġu allokat i l-vetturi tal-klassijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂ akkumpanjati minn fajl ta' informazzjoni għall-klijent u rreġistrati għall-ewwel darba qabel il-bidu tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Għas-sottogruppi tal-vetturi bil-perjodu ta' referenza 2021 jew 2025, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/1242, teżisti diskrepanza bejn id-data meta jibdew it-trajettorji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tagħhom u l-iskadenza għall-manifatturi biex jipprovdu vetturi ġodda b'fajl ta' informazzjoni għall-klijent li jkun inħareġ f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400. Id-data tal-bidu tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sottogrupp ta' vetturi hija l-ewwel jum tal-perjodu ta' referenza għal dak is-sottogrupp ta' vetturi, kif stabbilit fl-Anness I, il-punt 3.2 tar-Regolament (UE) 2019/1242. L-iskadenza għall-manifatturi biex jipprovdu vetturi ġodda ta' sottogrupp ta' vetturi bil-fajl ta' informazzjoni għall-klijent hija stabbilita fl-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400. Għal dawk is-sottogruppi tal-vetturi, l-iskadenza għall-manifatturi tiġi qabel id-data tal-bidu tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Id-Direttiva 1999/62/KE ma tindikax kif għandhom jiġu kklassifikati l-vetturi tal-klassijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂ li ġew irreġistrati għall-ewwel darba qabel il-bidu tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. L-Istati Membri għandhom jikklassifikaw fi klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂ dawk il-vetturi li għalihom is-sid jista' jipprovdi evidenza tal-emissjonijiet tas-CO₂ tagħhom f'fajl ta' informazzjoni għall-klijent. Il-limiti tal-klassijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂ qabel il-bidu tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet huma dawk tal-ewwel sena tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet.
- (16) Din id-Direttiva jenħtieġ li tiċċara kif għandhom jiġu allokat i l-vetturi vokazzjonali għall-klassijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂. Ir-Regolament (UE) 2019/1242 jiddistingwi l-vetturi vokazzjonali, bħall-vetturi li jintużaw għall-ġbir tal-iskart jew għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, minn tipi oħra ta' vetturi billi jiddefinixxi sottogruppi ta' vetturi vokazzjonali. Dawn il-vetturi huma

responsabbli għal madwar 2 % tal-emissjonijiet tas-settur tal-vetturi heavy-duty u joperaw l-aktar fl-ibliet. Wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/160, il-vetturi vokazzjonali jiġu identifikati bħala tali biss wara l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom. Għalhekk, il-fajl ta' informazzjoni għall-klijent ta' vettura ġdida ma jipprovdix informazzjoni dwar in-natura vokazzjonali tal-vettura. Għalhekk, il-vetturi vokazzjonali ma jistgħux jiġu rikonoxxuti bħala li jappartjenu għal sottogrupp vokazzjonali meta jiġu kklassifikati fi klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂. Għal raġunijiet oġġettivi u prattiċi, il-vetturi vokazzjonali jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala li jappartjenu għas-sottogrupp korrispondenti ta' vetturi mhux vokazzjonali għall-finijiet tad-Direttiva 1999/62/KE.

(17) Din id-Direttiva jenħtieġ li tiċċara kif għandhom jiġu allokat i vetturi b'emissjonijiet żero modifikati b'mod retroattiv għall-klassijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂. Ir-Regolament (UE) 2019/1242 jistabbilixxi miri għall-manifatturi biex inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi heavy-duty ġodda. Skont dak ir-regolament, il-manifatturi jibbenefikaw b'mod partikolari mit-tqegħid fis-suq ta' vetturi b'emissjonijiet żero. Id-Direttiva 1999/62/KE tinċentiva d-domanda għal daw k il-vetturi billi tagħti tariffi mnaqqsa skont il-klassi 5 tal-emissjonijiet tas-CO₂. Żvantaġġ eżistenti ta' vetturi b'emissjonijiet żero huwa li dawn għandhom medda operattiva aktar baxxa minn dik ta' vetturi konvenzjonali. Sabiex tiżdied il-medda operattiva tal-vettura, huwa possibbli li l-vetturi b'emissjonijiet żero jiġu mmodifikati b'mod retroattiv billi pakkett tal-batteriji jiġi ssostitwit b'ġeneratur tal-fjuwil sabiex tiżdied il-medda operattiva tal-vettura. Tali vetturi modifikati b'mod retorattiv b'hekk isiru vetturi ibridi. Skont id-Direttiva 1999/62/KE, il-vetturi huma kklassifikati fi klassijiet ta' emissjonijiet tas-CO₂ skont id-dokumentazzjoni tal-vettura li tiġi prodotta mill-manifatturi qabel l-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura. Dan ifisser li, skont il-qafas leġislativ attwali, tali vetturi modifikati b'mod retroattiv xorta jibqgħu jibbenefikaw minn tariffi mnaqqsa f'konformità mal-klassi 5 tal-emissjonijiet tas-CO₂ għalkemm jużaw ġeneratur tal-fjuwil. Madankollu, dan it-trattament joħloq distorsjoni fis-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq għad-detriment tal-operaturi li jużaw vetturi b'emissjonijiet żero li ma jiġux modifikati b'mod retroattiv, u ma jirriflettix it-tnaqqis reali tal-emissjonijiet tul il-ħajja tal-vetturi għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/1242. Sabiex jiġi żgurat li l-vetturi kollha jkunu klassijiet ta' emissjonijiet tas-CO₂ ibbażati fuq ir-riżultati tal-għodda ta' simulazzjoni tal-VECTO, il-vetturi b'emissjonijiet żero li jiġu mmodifikati b'mod retroattiv b'magna li taħdem bil-fjuwil għandhom għalhekk jiġu ttrattati skont id-Direttiva 1999/62/KE bħala li jappartjenu għall-klassi 1 tal-emissjonijiet tas-CO₂.

(18) Din id-Direttiva jenħtieġ li tiċċara kif għandhom jiġu allokat i vetturi li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil għall-klassijiet tal-emissjonijiet tas-CO₂. L-Artikolu 24(2), il-punt (g) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400, beda jobbliga lill-manifatturi joħorġu fajl ta' informazzjoni għall-klijent għall-vetturi li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil mill-1 ta' Jannar 2024. Madankollu, ċerti vetturi li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil ġew irreġistrati qabel dik id-data mingħajr fajl ta' informazzjoni għall-klijent. Il-vetturi li ġew irreġistrati għall-ewwel darba qabel dik id-data ma jistgħux jaċċessaw rati ta' pedaqġ aktar favorevoli u jistgħu jbatu minn żvantaġġ kompetittiv għal vetturi simili li ġew irreġistrati aktar tard. Huwa possibbli għall-manifatturi li jiddeterminaw l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vettura li diġà ġiet irreġistrata billi jwettqu simulazzjoni ġdida li tqis l-aħħar rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2017/2400. L-Istati Membri jenħtieġ li jaċċettaw ir-riżultat ta' daw k is-simulazzjonijiet bħala prova tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vettura. Il-

Kummissjoni jenħtieġ li tipprevjeni l-użu ta' riżultati ta' simulazzjoni illeġittimi billi tissorvelja l-użu mill-manifatturi ta' din l-għażla. Manifattur li jiddeċiedi li juża din l-għażla għandu għalhekk jinnotifikaha lill-Kummissjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jaċċettaw dan id-dokument biss jekk jiġi riċevut direttament minn manifattur, jekk id-dokument ikun f'format diġitali, peress li dan ikun inqas vulnerabbli għall-frodi, u jekk Deċiżjoni pożittiva tal-Kummissjoni tkun ġiet indirizzata lil dak il-manifattur.

- (19) Din id-Direttiva jenħtieġ li tħassar ċerti dispożizzjonijiet li saru obsoleti. Id-Direttiva 1999/62/KE tipprevdi l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha biex tinkludi sottogruppi ta' vetturi li huma koperti mir-Regolament (UE) 2017/2400 iżda li għadhom ma humiex koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 1999/62/KE huma l-Artikolu 2(1), il-punt 30(b); l-Artikolu 2(1), il-punt 38(b); l-Artikolu 7ga(1), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 7ga(7). Ir-Regolament (UE) 2024/1610 estenda l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242 biex jaqbel mal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2400. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 1999/62/KE saru obsoleti u jenħtieġ li jiġihassru sabiex jiġi ssimplifikat it-test ta' dik id-Direttiva.

- (4220) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520 jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 1999/62/KE

Id-Direttiva 1999/62/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 28 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(28) “emissjonijiet tas-CO₂” ta' vettura heavy-duty tfisser l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ tagħha (gCO₂/t-km) previsti fil-punt 2.6.1 tal-fajl ta' informazzjoni għall-klijenttagħha jekk tkun vettura heavy-duty tal-merkanzija, jew l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ tagħha (gCO₂/p-km) previsti fil-punt 2.6.4 tal-fajl ta' informazzjoni għall-klijent tagħha jekk tkun kowċ jew xarabank, kif definit fil-Parti II tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400(*)”;

* Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi heavy-duty u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L 349, 29.12.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2400/oj>).;

- (ab) fil-punt 29, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) vettura bil-mutur tqila msemmija fl-Artikolu 3(11)(a) u jew (b), tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*); jew”

**** Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj>).;**

(bc) ~~Fil-punt 30, il-punt (b)~~**il-punt 30** huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(30) “vettura heavy-duty b'emissjonijiet baxxi” tfisser vettura heavy-duty b'emissjonijiet baxxi kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 12 tar-Regolament (UE) 2019/1242;”;

~~“(b) vettura tqila minn grupp ta' vetturi kopert minn att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 7ga(7), b'emissjonijiet tas-CO₂ anqas minn 50 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza tal-grupp ta' vetturi tagħha, għajr vettura b'emissjonijiet zero;”;~~

(d) **il-punt 35 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

“(35) “grupp ta' vetturi” tfisser grupp ta' vetturi kif definit fl-Artikolu 4, l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2017/2400;”;

(ee) il-punt 37 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(37) “trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet” ta' sottogrupp ta' vetturi (sg) tfisser trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-vetturi ta' merkanzija tqila ($ET_{sg,Y}$) jew għax-xarabanks u għall-kowċijiet ($ETP_{sg,Y}$), kif iddeterminat f'konformità mal-Anness I, il-punt 5.1.2.1 tar-Regolament (UE) 2019/1242 u aġġustat kif ġej:

(a) għas-snin $Y \leq 2030$, il-mira għat-tnaqqis tas-CO₂ għall-2030 ($r_{fsg,Y}$) jew $r_{fp_{sg,Y}}$, fejn $Y=2030$) hija ta' 30 %; u

(b) għas-snin $Y > 2030$, il-fattur fil-mira ($RET_{sg,Y}$ jew $RETP_{sg,Y}$) huwa ta' 0,7;”;

~~“(37) “trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet”, għas-sottogrupp ta' vetturi (sg) u l-perjodu ta' rapportar ta' sena (Y), jiġifieri $ET_{sg,Y}$, tfisser il-prodott tal-fattur ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ annwali ($RET_{sg,Y}$) immultiplikat bl-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza (rCO_{2sg}) tas-sottogrupp (sg), jiġifieri $ET_{sg,Y} = RET_{sg,Y} \times rCO_{2sg}$; $RET_{sg,Y}$ jiġi ddeterminat f'konformità mal-punt 5.1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1242;”;~~

(df) il-punt 38 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(38) “emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza” tfisser emissjonijiet tas-CO₂ kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt 1, tar-Regolament (UE) 2019/1242;”;

~~“(38) “emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza” tfisser:~~

~~(a) għas-sottogruppi ta' vetturi koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242, l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-formula fil-punt 3 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament;~~

~~(b) għal grupp ta' vetturi kopert minn att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 7ga(7), l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza speċifikati fih, li jikkorrispondu għall-valur medju tal-emissjonijiet kollha tas-CO₂ tal-vetturi f'dak il-grupp ta' vetturi, irrappurtat f'konformità mar-Regolament (UE)~~

~~2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (6) għall-ewwel perijodu ta' rapportar, li se jibda wara d-data li fiha r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi f'dak il-grupp ta' vetturi, li ma jikkonformawx mal-obbligi msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2400, hu pprojbit f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2017/2400.”;~~

(eg) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(42) “trejler” tfisser trejler kif definit fl-Artikolu 3(17) tar-Regolament (UE) 2018/858 u li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 (***);

(43) “semitrejler” tfisser trejler li jissodisfa d-definizzjoni ta' semitrejler fl-Artikolu 3(33) tar-Regolament (UE) 2018/858 u li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362.”

*** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prestazzjoni ta' trejlers heavy-duty fir-rigward tal-influwenza tagħhom fuq l-emissjonijiet tas-CO₂, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija u l-firxa tas-sewqan b'emissjonijiet żero tal-vetturi bil-mutur u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L 205, 5.8.2022, p. 145, **ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1362/oj**”;

(2) L-Artikolu 7ga huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

“ L-Istati Membri għandhom japplikaw dik il-varjazzjoni għas-sottogruppi ta' vetturi koperti mir-Regolament (UE) 2019/1242 **mhux aktar tard minn 6 xhur wara l-pubblikazzjoni tal-** ~~abbażi tal-emissjonijiet ta' referenza tas-CO₂ ta' dawk is-sottogruppi ta' vetturi, adottati~~ **pubblikati f'konformità mal-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, għas-sottogruppi ta' vetturi 4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD, 10-LH, l-Istati Membri għandhom japplikaw dik il-varjazzjoni sa mhux aktar tard mit-13 ta' Mejju 2023.**

L-Istati Membri għandhom japplikaw ~~Fejn l-emissjonijiet ta' referenza tas-CO₂ kif jiġu aġġustati skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/1242~~ **mill-ewwel jum tas-sitt xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom. Madankollu, għas-sottogruppi tal-vetturi 4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD u 10-LH, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza kif aġġustati skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) .../... [żid referenza ladarba tkun magħrufa] mill-1 ta' Lulju 2026,** ~~dawk l-emissjonijiet ta' referenza tas-CO₂ għandhom japplikaw mill-bidu tal-perjodu ta' rapportar li jmiss~~

~~B'deroga mit-tieni subparagrafu, għall-klassijiet 1, 4 u 5 tal-emissjonijiet tas-CO₂, imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dik il-varjazzjoni għandha tapplika għal gruppi ta' vetturi koperti minn atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 7 mhux aktar tard minn sentejn wara l-adozzjoni ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni. Il-varjazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-~~

emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza speċifikati fih u għandha tapplika sakemm l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għas-sottogruppi ta' vetturi kkonċernati jiġu ppubblikati f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242. Mill-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242, l-Istati Membri għandhom japplikaw dawk l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza minflok dawk speċifikati skont il-paragrafu 7 u l-varjazzjoni għas-sottogruppi ta' vetturi kkonċernati għandha tiġi applikata għall-klassijiet kollha ta' emissjonijiet.”;

(b) fil-paragrafu 2, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

“L-Istati Membri għandhom jikklassifikaw mill-ġdid il-vetturi li jkunu ġew ikklassifikati fil-klassi 2 jew 3 tal-emissjonijiet tas-CO₂ bi trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ibbażata fuq mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2030 ta' 43 % billi minflok jużaw trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ibbażata fuq mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2030 ta' 30 % mhux aktar tard minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva + xahrejn].

L-Istati Membri għandhom iqisu bħala eliġibbli għall-klassifikazzjoni fi klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂ il-vetturi kollha li għalihom l-utent tat-triq iista' jipprova evidenza tal-emissjonijiet tas-CO₂ f'fajl ta' informazzjoni għall-klijent maħruġ f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2400. Jekk id-data tal-ewwel reġistrazzjoni ta' vettura tkun qabel il-bidu tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-sottogrupp tal-vettura li għaliha tappartjeni l-vettura, għandhom japplikaw il-valuri tal-ewwel sena tat-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal dak is-sottogrupp.

L-Istati Membri għandhom jitrattaw vetturi vokazzjonali, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 9, tar-Regolament (UE) 2019/1242, bħala vetturi li jappartjenu għas-sottogrupp korrispondenti ta' vetturi mhux vokazzjonali.

L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw tariffi mnaqqsa f'konformità mal-klassi 5 ta' emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi b'emissjonijiet żero li jkunu ġew immodifikati b'mod retroattiv b'magna li taħdem bil-fjuwil li tiġġenera l-enerġija elettrika jew li tikkontribwixxi għall-propulsjoni tal-vettura. Minflok, l-Istati Membri għandhom japplikaw it-tariffi f'konformità il-klassi 1 tal-emissjonijiet tas-CO₂.

Il-manifatturi tal-vetturi jistgħu jużaw l-għodda ta' simulazzjoni prevista fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2400 biex jiddeterminaw l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vettura li tuża żewġ tipi ta' fjuwil, kif iddefiniti fl-Artikolu 3, il-punt 21 tar-Regolament (UE) 2017/2400, wara d-data tal-produzzjoni tagħha, fejn id-data tal-produzzjoni ta' dik il-vettura tkun qabel l-1 ta' Jannar 2024. Manifattur li jkollu l-ħsieb li juża din il-possibbiltà għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan u l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk dak il-manifattur jistax juża l-għodda ta' simulazzjoni għall-iskop stabbilit f'dan il-paragrafu. Għall-klassifikazzjoni ta' vettura fi klassi ta' emissjonijiet tas-CO₂, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw is-simulazzjoni prodotta mill-manifatturi bħala evidenza tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vettura, dment li manifattur jibgħatlihom ir-riżultati tas-simulazzjoni direttament u

f'forma diġitali flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni indirizzata lil dak il-manifattur.”;

(b) il-paragrafu 7 huwa mħassar. Fil-paragrafu 7, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

~~“Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispjega l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għall-gruppi ta' vetturi għajr is-sottogruppi 4 UD, 4 RD, 4 LH, 5 RD, 5 LH, 9 RD, 9 LH, 10 RD, 10 LH.”~~

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 7g

1. Sat-30 ta' Ġunju 2030, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-effett tat-trejlers fuq l-emissjonijiet tas-CO₂ tal-kombinazzjoni tiegħu ma' vettura bil-mutur meta japplikaw l-Artikolu 7ga. Mill-1 ta' Lulju 2030 huma għandhom iqisu dak l-effett.

Meta Stat Membru japplika l-ewwel subparagrafu, il-klassi tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-kombinazzjoni ta' vetturi msemmija fl-Artikolu 7ga (2) għandha tkun affettwata mill-klassi tat-trejlers tat-trejlers irmunkat f'konformità mal-Anness VIII.

2. Meta Stat Membru japplika l-ewwel paragrafu u, f'konformità mal-Artikolu 9(1)(a), jimponi tariffi speċifiċi fuq kombinazzjonijiet ta' vetturi li jiddevjaw mill-piżijiet u/jew mid-dimensjonijiet massimi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE*, f'konformità mal-Artikolu 4(4) ta' dik id-Direttiva, huwa jista' japplika tnaqqis tat-tariffi għall-użu tat-triq għal tali kombinazzjonijiet ta' vetturi li jużaw tal-anqas trejler wiehied li għalih tkun assenjata klassi ta' trejlers f'konformità mal-Anness VIII ta' din id-Direttiva.

L-ammont tat-tnaqqis tat-tariffa għall-użu tat-triq jista' jikkorrispondi għat-tnaqqis mogħti lil kombinazzjonijiet ta' vetturi li ma jiddevjawx mill-piżijiet u/jew mid-dimensjonijiet massimi.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 9d sabiex temenda l-Anness VIII biex tiddetermina l-limiti tal-proporzjon ta' effiċjenza stabbiliti fih, jew biex tagħsthom biex jirriflettu l-progress tekniku. L-ewwel determinazzjoni tagħhom għandha tkun ibbażata fuq l-effiċjenza medja tal-flotta tat-trejlers meta jiġu ppubblikati l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għal dawn il-vetturi, u fuq il-potenzjal li t-trejlers ikollhom biex jiġġeneraw titjib fl-effiċjenza, filwaqt li jitqies il-potenzjal differenti bejn is-semi-trejlers u trejlers oħra.

Għall-klassijiet 1 u 2 tat-trejlers kif identifikati fit-tabella fl-Anness VIII, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jiddetermina l-limiti tal-proporzjon ta' effiċjenza sa mhux aktar tard minn sena wara l-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għat-trejlers skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242.

Il-klassi 3 ~~Għall-klassi 3 tat-trejlers~~**stat-trejlers, kif identifikata fit-tabella fl-Anness VIII, tapplika għal trejlers b'emissjonijiet żero kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt 11, is-subpunt (c) tar-Regolament (UE) 2019/1242 u li jikkonformaw mal-limitu tal-proporzjon tal-effiċjenza għall-klassi 3 tat-trejlers.** ~~applikabbli għal trejlers mgħammra b'apparat li jappoġġa b'mod attiv il-propulsjoni tagħhom u li ma jkollu l-ebda magna tal-kombustjoni interna jew li jkollu magna ta' kombustjoni interna b'emissjonijiet ta' anqas minn 5 g CO₂/kWh, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jiddetermina l-limiti tal-proporzjon ta' effiċjenza wara li jkunu disponibbli valuri ċċertifikati legalment għal dawk it-trejlers.~~

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 9d sabiex temenda l-Anness VIII biex tistabbilixxi metodoloġija għad-determinazzjoni tal-allokazzjoni għal klassi ta' trejlers ta' trejlers li jkunu għaddew minn proċess ta' modifika retroattiva b'taġġmir li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika tagħhom, speċjalment dawk li jkunu ġew irreġistrati, mibjugħa jew intenzjonati li jidħlu fis-servizz qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362.

4. Għall-fini tar-reġistrazzjoni tat-tagħmir imsemmi fil-paragrafu 3, ir-raba' subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jaġġmli użu mill-punt 10 (informazzjoni oħra) tal-Anness II tad-Direttiva 2014/45/UE**.

* Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59)

** Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51)";

(4) Fl-Artikolu 7j (2a), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Meta sewwieq jew, meta applikabbli, l-operatur tat-trasport jew il-fornitur tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS), ma jkunx jista' jipprovdi evidenza tal-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura għall-finijiet tal-Artikolu 7g(2), l-Artikolu 7ga u l-Artikolu 7gb, l-Istati Membri jistgħu japplikaw pedaġġi jew tariffi għall-utenti sal-ogħla livell li jista' jintalab hals għalih. Meta sewwieq jew, meta applikabbli, l-operatur tat-trasport jew il-fornitur tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS), ma jkunx jista' jipprovdi evidenza tal-klassi tal-emissjonijiet tal-kombinazzjoni ta' vetturi għall-finijiet tal-Artikolu 7gc, l-Istati Membri jistgħu japplikaw pedaġġi jew tariffi għall-utenti abbażi tal-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura bil-mutur.”;

(5) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Fil-każ ta' sistema komuni għat-tariffi għall-utenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-data finali tal-applikazzjoni tal-varjazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7ga(1) għas-sottogruppi tal-vetturi 4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD u 10-LH hija l-25 ta' Marzu 2025.”;

(56) Fl-Artikolu 9d, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9e biex temenda din id-Direttiva fir-rigward tal-Anness 0, il-formuli fil-punti 4.1 u 4.2 tal-Anness IIIa, l-ammonti indikati fit-tabelli tal-Annessi IIIb u IIIc sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u tekniku, u l-limiti tal-proporzjon ta' effiċjenza indikati fit-tabella fl-Anness VIII sabiex tiddeterminahom jew taġġustahom biex jirriflettu l-progress tekniku.”;

(67) Fl-Artikolu 11, il-punt c huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura jew tat-tariffi għall-utenti skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi, skont l-Artikolu 7g, 7ga, 7gb jew 7gc;”;

(78) it-test fl-Anness ta' din id-Direttiva jiżdied bħala l-Anness VIII.

Emenda għad-Direttiva (UE) 2019/520

Fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/520, il-Parti I hija sostitwita b'dan li ġej:

“Parti I. “Data dwar il-vetturi

Entrata	M/F ⁽¹⁾	Kummenti
Numru tar-reġistrazzjoni	M	
Numru tax-xażi/Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN)	M	
Stat Membru tar-reġistrazzjoni	M	
Il-Marka	M	(D.1 ⁽²⁾) eż. Ford, Opel, Renault
Deskrizzjoni kummerċjali tal-vettura	M	(D.3) eż. Focus, Astra, Megane
Kodiċi tal-Kategorija tal-UE	M	(J) eż. motorini, muturi, karożżi
Klassi ta' emissjonijiet Euro	M	eż. Euro 4, Euro 6
Klassi ta' emissjonijiet tas-CO ₂	F	applikabbli għal vetturi heavy-duty
Data tar-riklassifikazzjoni	F	applikabbli għal vetturi heavy-duty
CO ₂ fi g/tkm	F	applikabbli għal vetturi heavy-duty
Orientazzjoni lejn il-volum: iva/le	F	applikabbli għat-trejlers
Proporzjon tal-effiċjenza — ibbażat fuq tunnellata–kilometru (–)...	F	applikabbli għat-trejlers
Proporzjon tal-effiċjenza — ibbażat fuq m ³ –kilometru (–)...	F	applikabbli għat-trejlers
Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tal-vettura	M	
(1) M = mandatorju meta jkun disponibbli fir-reġistru nazzjonali, F = fakultattiv. (2) Kodiċi armonizzati tal-Unjoni, ara d-Direttiva 1999/37/KE.		

”

Artikolu 3

Emenda għad-Direttiva 1999/37/KE

Fl-Anness I tad-Direttiva 1999/37/KE, fil-punt (V) emissjonijiet tal-egżost, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(V.11) Proporzjon tal-effiċjenza:

- Għal trejlers mhux orjentati lejn il-volum, il-proporzjon tal-effiċjenza — tunnellata–kilometru fejn indikat fil-pożizzjoni 49.11.2 taċ-ċertifikat ta' konformità definit fl-Appendiċi tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni

(UE) 2020/683* jew fil-pożizzjoni 49.11.2 taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-vettura individwali definit fl-Appendiċi 1 tal-Anness III ta' dak ir-Regolament.

- Għal trejlers orjentati lejn il-volum, il-proporzjon tal-effiċjenza — ibbażat fuq m3–kilometru fejn indikat fil-pożizzjoni 49.11.3 taċ-ċertifikat ta' konformità definit fl-Appendiċi tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 jew fil-pożizzjoni 49.11.3 taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-vettura individwali definit fl-Appendiċi 1 tal-Anness III ta' dak ir-Regolament.

L-orjentazzjoni lejn il-volum hija indikata fil-pożizzjoni 49.10 taċ-ċertifikat ta' konformità ta' trejlers heavy-duty definit fl-Appendiċi tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 jew fil-pożizzjoni 49.10 taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-vettura individwali definit fl-Appendiċi 1 tal-Anness III ta' dak ir-Regolament,

(V.12) Il-klassi tat-trejler iddeterminata f'konformità mal-Artikolu 7gc tad-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

* Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683 tal-15 ta' April 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi (ĠU L 163, 26.5.2020, p. 1, **ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/683/oj**”).

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*